# ATT TAL-2014 DWAR IR-RESPONSABBILTÀ FISKALI

## TAQSIM TAL-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Taqsima I | Preliminari | 1 - 6 |
| | Responsabbiltà Fiskali | 3 - 4 |
| | Objettivi tal-Politika Fiskali u tal-Baġit | 5 - 6 |
| Taqsima II | Regoli Fiskali | 7 - 11 |
| Taqsima III | Monitoraġġ tar-Regoli Fiskali u Approvazzjoni tat-Tbassir Uffiċjali | 12 - 13 |
| Taqsima IV | Proċeduri tal-Baġit | 14 - 61 |
| | Pjanijiet tan-Negozju u Finanzjarji | 14 |
| | Strateġija Fiskali | 15 |
| | Abbozz tal-Baġit Annwali | 16 |
| | Baġit Annwali | 17 |
| | Infiq skont il-Baġit | 18 - 28 |
| | Dħul skont il-Baġit | 29 - 30 |
| | Riżerva għall-Kontinġenza | 31 - 38 |
| | Monitoraġġ fuq l-Eżekuzzjoni tal-Baġit matul is-Sena | 39 |
| | Reviżjonijiet | 40 |
| | Rapport Annwali tal-Gvern | 41 |
| Taqsima V | Il-Kunsill Fiskali | 42 - 61 |
| | Il-Kunsill Fiskali | 42 - 46 |
| | Sħubija tal-Kunsill Fiskali | 47 - 48 |
| | Terminu tal-Kariga | 49 - 51 |
| | Persunal | 52 |
| | Sħubija fil-Kamra tad-Deputati jew fil-Parlament Ewropew | 53 |
| | Projbizzjoni ta' Kxif ta' Informazzjoni Kunfidenzjali | 54 |
| | Finanzjament | 55 |
| | Kontabilità u Verifika | 56 |
| | Dehriet quddiem il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi | 57 |
| | Rapport Annwali | 58 |
| | Siġill tal-Kunsill Fiskali | 59 |
| | Sit | 60 |
| | Proċedura u *quorum* | 61 |

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

**MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

8 ta' Awwissu, 2014

**ATT Nru. XXVII tal-2014**

*ATT biex jipprovdi għal responsabbiltà fiskali u għal ħwejjeġ ancillari jew li għandhom x'jaqsmu magħha.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu fil-qosor. **1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2014 dwar ir-Responsabbiltà Fiskali.

Tifsir. **2.** (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Baġit" tfisser l-estimi tal-baġit, ippreżentati lill-Kamra tad-Deputati fir-rigward ta' kwalunkwe sena finanzjarja, tan-nefqa u d-dħul għas-servizz ta' dik is-sena finanzjarja u tinkludi kwalunkwe estimi supplementari tan-nefqa li jistgħu jkunu meħtieġa wara li l-estimi jkunu ġew ippreżentati lill-Kamra tad-Deputati;

"bilanċ favorevoli tal-gvern ġenerali", fir-rigward ta' sena, tfisser it-tislif nett tal-gvern ġenerali tal-Istat għas-sena, kif milħuq skont ir-Regolament tal-2009;

"bilanċ strutturali annwali tal-gvern ġenerali", fir-rigward ta' sena, tfisser id-defiċit ġenerali tal-gvern jew bilanċ favorevoli tal-

gvern għal dik is-sena, ċiklikament aġġustat u bil-miżuri ta' darba u temporanji mnaqqsa, espressi bħala perċentwali tal-prodott domestiku gross skont il-prezzijiet tas-suq;

"ċiklikament aġġustat" tfisser aġġustat sabiex tittieħed konsiderazzjoni tal-effetti stmati li ser ikun hemm fl-operazzjoni taċ-ċiklu ekonomiku;

"ċirkostanzi eċċezzjonali" tfisser:

(a) perjodu li matulu avveniment mhux tas-soltu li jkun 'il barra mill-kontroll tal-Istat ikollu impatt qawwi fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-gvern ġenerali, jew

(b) perjodu qawwi ta' reċessjoni, li jaqa' fit-tifsira tal-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir;

"defiċit tal-gvern ġenerali", fir-rigward ta' sena, tfisser is-self nett tal-gvern ġenerali tal-Istat għas-sena, kif milħuq skont ir-Regolament tal-2009;

"dejn tal-gvern ġenerali", fir-rigward ta' sena, tfisser id-dejn gross totali tal-gvern ġenerali tal-Istat b'valur nominali li jkun pendenti fi tmiem is-sena, kif milħuq skont ir-Regolament tal-2009;

"Estimu supplementari" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 103 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Gvern" tfisser il-Gvern ta' Malta sakemm mhux speċifikat xort'oħra;

"gvern ġenerali", fir-rigward tal-Istat, għandha tinftiehem skont is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet;

"Kamra tad-Deputati" għandha t-tifsira kif għandha finijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Malta" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Finanzi;

"objettiv baġitarju ta' terminu medju" tfisser l-objettiv baġitarju ta' terminu medju meħtieġ skont ir-Regolament tal-1997 dwar is-Sorveljanza u l-Koordinazzjoni;

"Patt ta' Stabbilità u Tkabbir" tfisser ir-Regolament tal-1997 dwar is-Sorveljanza u l-Koordinazzjoni, ir-Regolament tal-1997 dwar

id-Defiċit Eċċessiv u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar il-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir;

"pożizzjoni fiskali" tfisser il-bidla fil-bilanċ strutturali annwali tal-gvern ġenerali, bl-eċċezzjoni tal-imgħax fuq il-ħlasijiet tad-dejn tal-gvern ġenerali espress bħala perċentwali tal-prodott domestiku gross skont il-prezzijiet fis-suq, għal sena relattiva għas-sena preċedenti;

"prodott domestiku gross skont il-prezzijiet tas-suq", fir-rigward ta' sena, tfisser il-prodott domestiku gross tal-Istat għas-sena skont il-prezzijiet tas-suq, kif milħuq skont is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet;

"programm ta' stabbilità" tfisser il-programm ta' stabbilità meħtieġ bl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-1997 dwar is-Sorveljanza u l-Koordinazzjoni;

"regola tal-baġit" għandha tinftiehem skont l-artikolu 8;

"Regolament tal-1997 dwar id-Defiċit Eċċessiv" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.1056/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1177/2011 tat-8 ta' Novembru 2011;

"Regolament tal-1997 dwar is-Sorveljanza u l-Koordinazzjoni" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1055/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1175/ 2011 tas-16 ta' Novembru 2011;

"Regolament tal-2009" tfisser Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru. 679/2010 tas-26 ta' Lulju 2010;

"Regolament tal-2013" tfisser ir-Regolament (UE) Nru. 473/ 2013 tal-21 ta' Mejju 2013;

"Sistema Ewropea tal-Kontijiet" tfisser is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996, kif ikollha effett skont kif tiġi emendata minn żmien għal żmien;

"subsettur", fir-rigward tal-gvern ġenerali, għandha tinftiehem skont is- Sistema Ewropea tal-Kontijiet;

"tbassir uffiċjali" tfisser it-tbassir makroekonomiku u baġitarju ppubblikat mill-Ministeru għall-Finanzi għall-finijiet ta' ppjanar

fiskali;

"Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika" tfisser l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika mwaqqaf bl-artikolu 108 tal-Kostituzzjoni.

(2) Kelma jew espressjoni użata taħt dan l-Att u fit-Trattat dwar l-Istabbilità, il-Koordinazzjoni u l-Governanza għandha, sakemm ma tidhirx intenzjoni kuntrarja, ikollha l-istess tifsira f'dan l-Att bħalma għandha fit-Trattat dwar Stabbilità, Koordinazzjoni u Governanza.

Responsabbiltà Fiskali

**3.** Il-Gvern għandu jiddefinixxi u jwettaq l-politika fiskali u baġitarja skont il-prinċipji li ġejjin: Responsabbiltà fiskali.

(a) il-prinċipju tat-transparenza fejn, waqt li jistabbilixxi l-miri u l-objettivi baġitarji u fit-twettiq tal-politika fiskali u baġitarja, il-Gvern għandu l-obbligu li jagħmel pubblika l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex jippermetti l-assessjar tal-implimentazzjoni ta' dawn il-*policies* fiskali u baġitarji, ir-riżultati rispettivi u l-pożizzjoni tal-finanzi ċentrali u lokali. Bi tkomplija ta' dan il-prinċipju, il-Gvern għandu, fil-mument tal-preżentazzjoni tal-baġit annwali, jiżvela f'forma ta' stqarrija:

(i) kwalunkwe bdil sinifikattiv fl-i*standards* ta' kontabilità, politika u prattika li jaffettwaw jew jistgħu jaffettwaw il-komputazzjoni tal-indikaturi fiskali preskritti;

(ii) sa fejn hu prattiku u, konsistenti mal-protezzjoni tal-interess pubbliku, ir-responsabbilitajiet kontinġenti maħluqa permezz ta' garanziji, ir-responsabbiltajiet attwali li joħorġu minn self magħmul minn Impriżi fis-Settur Pubbliku u Vetturi bi Skop Speċifiku u strumenti ekwivalenti oħra fejn ir-responsabbiltà tal-ħlas hija fuq il-Gvern; it-talbiet u l-impenji kollha magħmula mill-Gvern li għandhom il-potenzjal ta' implikazzjonijiet baġitarji inkluż talbiet għaż-żieda fid-dħul iżda mhux realizzati;

(b) il-prinċipju ta' stabbilità fejn il-Gvern għandu jwettaq il-politika fiskali u baġitarja tiegħu b'tali mod li jiżgura prevedibbiltà ta' terminu medju, konsistenti mal-objettivi għaż-żamma tal-istabbilità tal-makroekonomija;

(ċ) il-prinċipju ta' responsabbiltà fiskali fejn il-Gvern

għandu jwettaq il-politika fiskali u baġitarja u jamministra r-riżorsi baġitarji, l-obbligi u r-riskji fiskali b'tali mod li jiżgura s-sostenibbiltà tal-pożizzjoni fiskali fuq terminu medju u fit-tul, hekk li l-Gvern ikun kapaċi jamministra r-riskji finanzjarji u l-avvenimenti mhux previsti fiż-żminijiet futuri mingħajr ma jkollu bżonn jintroduċi tibdil fl-infiq jew fid-dħul li jkun ekonomikament jew soċjalment destabilizzanti;

(d) il-prinċipju ta' ekwità li bih il-Gvern għandu jwettaq il-politika baġitarja u fiskali b'konsiderazzjoni tal-impatt potenzjali finanzjarju fuq il-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri kif ukoll l-impatt fuq l-iżvilupp ekonomiku ta' terminu medju jew fit-tul filwaqt li jiżgura li l-ġenerazzjoni preżenti tiffinanzja l-infiq tas-servizzi tagħha;

(e) il-prinċipju ta' effiċjenza li bih il-*policies* fiskali u baġitarji tal-Gvern għandhom ikunu indirizzati sabiex jiksbu użu effiċjenti ta' riżorsi skarsi fis-settur pubbliku, u għalhekk jinħtieġ li l-effiċjenza ekonomika tkun meqjusa fid-definizzjoni tal-*policies* fiskali u li deċiżjonijiet tal-investiment pubbliku, inkluż dawk relatati mal-finanzjament ta' inizjattivi tal-UE u donaturi oħra, huma *inter alia* bbażati fuq valutazzjoni ekonomika kif ukoll assessjar tal-kapaċità ta' assorbiment tal-livelli relevanti ta' finanzjament;

(f) il-ġestjoni effettiva tal-infiq fuq il-persunal li bih l-impjiegi fis-settur pubbliku u l-politika tal-pagi fir-rigward ta' Ministeri, Dipartimenti, awtoritajiet fis-settur pubbliku, entitajiet u aġenziji u l-Kunsilli Lokali, bl-eċċezzjoni fejn huwa espressament eskluż mill-Ministru għall-Finanzi, għandhom ikunu konsistenti mal-miri fiskali u baġitarji kif stabbiliti fl-istrateġija fiskali;

(g) il-prinċipju tal-ġestjoni effettiva tal-finanzi u l-assi fejn il-Gvern għandu jimplimenta l-politika fiskali u baġitarja tiegħu skont l-aħjar prattika għall-ġestjoni tajba u effettiva tal-finanzi u l-assi. Għat-tkomplija ta' dan il-prinċipju, għandha tinħoloq sistema ta' rappurtar u twettiq tal-ġestjoni, reġistri tal-assi u *policies* u proċeduri li jirregolaw l-akkwist, l-użu u d-disponiment tagħhom, *policies* li jirregolaw id-deċiżjonijiet dwar finanzjament u *policies* għall-ġestjoni tar-riskju u prattiċi.

Applikabilità ta' prinċipji.

**4.** Il-prinċipji msemmija fl-artikolu 3 għandhom japplikaw b'mod ugwali għall-Kunsilli Lokali, l-awtoritajiet tas-settur pubbliku, l-entitajiet u l-aġenziji li huma parzjalment jew fis-sħiħ iffinanzjati mill-Fond Konsolidat.

Objettivi tal-Politika Fiskali u tal-Baġit

**5.** Il-Gvern għandu jsegwi l-objettivi tal-politika fiskali u baġitarja, u jifformula u jeżegwixxi l-istrateġija fiskali annwali tiegħu skont ir-regoli fiskali stabbiliti f'dan l-Att. Objettivi tal-Politika Fiskali u tal-Baġit

**6.** L-objettivi tal-politika fiskali għandhom ikunu, iżda mhux limitati għal: Objettivi.

(a) biex jinkiseb baġit bilanċjat tal-gvern ġenerali fuq iċ-ċiklu ekonomiku;

(b) biex id-dejn pubbliku jinżamm f'livell sostenibbli fuq it-terminu medju u fit-tul;

(ċ) biex ikun hemm aċċess sikur u disponibbili għal bażi mill-aktar wiesgħa ta' investituri biex il-Gvern jissellef bl-anqas spejjeż fuq terminu medju għal twil, b'livelli ta' riskju tollerabbli;

(d) biex tiġi eżerċitata prudenza fil-ġestjoni tal-assi, ir-responsabbiltajiet u r-riskji fiskali tas-settur pubbliku;

(e) biex jinżamm livell xieraq ta' riżervi fiskali li jagħmlu tajjeb għad-dejn pubbliku;

(f) biex jinżamm bilanċ bejn id-dħul u l-infiq finanzjarju;

(g) biex tiġi żgurata ċertezza u prevedibbiltà fuq il-livell ta' rati tat-taxxa u l-kompożizzjoni tal-bażi tat-taxxa;

(h) biex jiġi żgurat sa fejn huwa raġonevoli u prattikabbli, li s-self tal-Gvern jiġi użat għal finijiet produttivi u l-akkumulazzjoni tal-assi kapitali, u mhux biex jiffinanzja l-infiq rikorrenti;

(i) biex il-garanziji tal-Gvern u responsabbiltajiet kontinġenti jiġu ġestiti b'mod prudenti b'referenza partikolari għall-kwalità u l-livell ta' dawn ir-responsabbiltajiet;

(j) biex tinżamm l-integrità tas-sistemi tat-taxxa billi jinżammu fil-livell meħtieġ l-inċentivi, il-konċessjonijiet u l-eżenzjonijiet speċjali;

(k) biex isegwi *policies* dwar it-taxxa li jagħtu kas l-effiċjenza ekonomika u l-ispejjeż għall-konformità fiskali;

(l) biex jiġu segwiti *policies* ta' dħul mhux mit-taxxa li

jagħti kas tal-irkupru tal-ispejjeż u l-ekwità;

(m) biex isegwi *policies* ta' dħul u nfiq li jsostnu t-tkabbir ekonomiku, l-ekwità soċjali u l-benesseri ġenerali tal-popolazzjoni;

(n) biex jiġi akkumulat bilanċ favorevoli sabiex jiġi użat fil-formazzjoni tal-kapital u l-infiq produttiv;

(o) biex tiġi żvelata informazzjoni suffiċjenti li tippermetti l-pubbliku jiskrutinja l-kondotta tal-politika fiskali u l-istat tal-finanzi pubbliċi;

(p) biex jiġi żgurat li l-Gvern juża r-riżorsi u l-assi pubbliċi b'mod li jagħtu l-aħjar valur għall-flus u bl-aħjar mod possibbli;

(q) biex jitnaqqsu r-riskji fiskali assoċjati mat-tmexxija tal-impriżi u l-utilitajiet fis-settur pubbliku li jipprovdu beni u servizzi pubbliċi;

(r) biex jiġi ġestit infiq konsistenti mal-livell tad-dħul li jkun ġie ġġenerat;

(s) biex jifformula baġits b'mod realistiku u oġġettiv fid-dawl tal-prospett ekonomiku ġenerali u l-prospetti tad-dħul, jinżammu fl-inqas livell id-devjazzjonijiet ta' matul is-sena;

(t) biex jiġi żgurat il-ħlas fil-ħin tar-responsabbiltajiet kurrenti.

## TAQSIMA II

## REGOLI FISKALI

Ħtiġiet tat-Trattat dwar Stabbilità, Koordinazjoni u Governanza.

**7.** (1) Il-Gvern għandu jagħmel sforz sabiex jiżgura li:

(a) il-ħtieġa imposta bl-artikolu 8, u

(b) il-ħtieġa imposta bl-artikolu 9,

li joħorġu rispettivament mill-Artikoli 3 u 4 tat-Trattat dwar Stabbilità, Koordinazzjoni u Governanza, huma mħarsa.

(2) It-tbassir uffiċjali għandu jistabbilixxi d-data meħtieġa biex jiġi evalwat jekk il-ħtieġa speċifikata fis-subartikolu (1)(a) ġietx imħarsa.

Regola tal-baġit.

**8.** (1) Ir-regola tal-baġit hi li għal kull sena jew:

(a) il-kondizzjoni baġitarja stabbilit fis-subartikolu (2), jew

(b) il-kondizzjoni tal-pjan ta' aġġustament, kif stabbilit fis-subartikolu (4),

hija sodisfatta.

(2) Il-kondizzjoni baġitarja hija jew li:

(a) il-pożizzjoni baġitarja tal-gvern ġenerali hija f'bilanċ jew f'bilanċ favorevoli, jew

(b) il-ħtieġa fil-paragrafu (a) ma tkunx intlaħqet għar-raġuni biss ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u n-nuqqas li tintlaħaq ma jkunx tefa' fil-periklu s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju.

(3) Il-ħtieġa fis-subartikolu (2)(a) għandha titqies bħala mħarsa jekk il-bilanċ strutturali annwali tal-gvern ġenerali huwa fl-objettiv baġitarju ta' terminu medju.

(4) Il-kondizzjoni tal-pjan ta' aġġustament hija jew li:

(a) il-bilanċ strutturali annwali tal-gvern ġenerali sejjer lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fid-dawl taż-żmien stabbilit fir-Regolament tal-1997 dwar is-Sorveljanza u l-Koordinazzjoni, jew

(b) il-ħtieġa fil-paragrafu (a) ma tkunx intlaħqet għar-raġuni biss ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u n-nuqqas li jintlaħaq ma jkunx tefa' fil-periklu is-sostenibbiltà fiskali tat-terminu medju.

Differenza bejn id-dejn tal-gvern ġenerali u l-prodott domestiku gross.

**9.** Meta l-proporzjon tad-dejn mal-prodott domestiku gross skont il-prezzijiet tas-suq jaqbeż is-60 fil-mija, dan il-proporzjon għandu jitnaqqas skont ir-Regolament tal-1997 dwar id-Defiċit Eċċessiv sakemm il-proporzjon jilħaq is-60 fil-mija.

L-inqas limitu tal-objettiv baġitarju ta' terminu medju.

**10.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-inqas limitu tal-objettiv baġitarju ta' terminu medju għandu jkun bilanċ strutturali annwali tal-gvern ġenerali ta' -0.5 fil-mija tal-prodott domestiku gross skont il-prezzijiet tas-suq.

(2) Jekk il-proporzjon tad-dejn mal-prodott domestiku gross skont il-prezzijiet tas-suq huwa sinifikament inqas minn 60 fil-mija, u r-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi f'terminu fit-tul huma baxxi, l-inqas limitu tal-objettiv baġitarju ta' terminu medju għandu

jkun bilanċ struttrali annwali tal-gvern ġenerali ta' -1 fil-mija tal-prodott domestiku gross skont il-prezzijiet tas-suq.

Twissija mill-Kummissjoni Ewropea

**11.** (1) Jekk il-Kummissjoni Ewropea tindirizza twissija lil Malta skont l-artikolu 6(2) tar-Regolament tal-1997 dwar is-Sorveljanza u l-Koordinazzjoni jew jekk il-Gvern jikkunsidra li jkun hemm nuqqas ta' konformità mar-regola baġitarja li tikkostitwixxi devjazzjoni sinifikanti għall-finijiet tal-Artikolu 6(3) ta' dak ir-Regolament, il-Gvern għandu, fi żmien xahrejn, jipprepara u jqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati pjan li jispeċifika x'inhu meħtieġ li jsir sabiex ikun hemm konformità mar-regola baġitarja.

(2) Il-pjan għandu:

(a) jispeċifika l-perjodu li matulu ser tintlaħaq konformità mar-regola baġitarja,

(b) jekk il-perjodu huwa itwal minn sena, jispeċifika l-miri annwali li għandhom jintlaħqu sabiex ikun hemm konformità,

(ċ) jispeċifika l-kobor u n-natura tal-miżuri tad-dħul u l-infiq li għandhom jittieħdu sabiex tiġi żgurata dik il-konformità, u

(d) jiddeskrivi kif kwalunkwe miżura tad-dħul u nfiq li ser tittieħed ser tirrelata ma' subsetturi differenti tal-gvern ġenerali.

(3) Id-dispożizzjonijiet magħmula mill-pjan għandhom ikunu konsistenti ma':

(a) ir-regoli tal-Patt ta' Stabbilità u t-Tkabbir,

(b) kwalunkwe rakkomandazzjoni magħmula lil Malta skont il-Patt ta' Stabbilità u t-Tkabbir fir-rigward tal-perjodu li matulu għandha tintlaħaq il-konformità mar-regola baġitarja u l-kobor tal-miżuri li ser jittieħdu sabiex tiġi żgurata dik il-konformità, u

(ċ) il-programm ta' stabbilità kurrenti.

(4) Jekk il-Gvern jikkunsidra li seħħew ċirkostanzi eċċezzjonali matul il-perjodu speċifikat fil-pjan, l-affarijiet speċifikati fil-pjan m'għandhomx ikunu aktar meħtieġa li jsiru, iżda meta l-Gvern jikkunsidra li ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jkunu waqfu milli jeżistu, il-Gvern għandu, sakemm m'hemmx aktar in-nuqqas kif imsemmi fis-subartikolu (1), fi żmien xahrejn, jipprepara u jqiegħed

quddiem il-Kamra tad-Deputati pjan ġdid skont dan is-subartikolu.

(5) Jekk il-Gvern jikkonsidra li hemm probabbiltà li ma jkunx hemm konformità mar-regola baġitarja, il-Gvern jista' fi żmien xahrejn, jipprepara u jqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati spjegazzjoni tal-passi li l-Gvern mistenni jieħu biex jevita dan in-nuqqas.

## TAQSIMA III

## MONITORAĠĠ TAR-REGOLI FISKALI U APPROVAZZJONI TAT-TBASSIR UFFIĊJALI

Tbassir uffiċjali.

**12.** Il-Ministeru għall-Finanzi għandu jkun responsabbli għall-pubblikazzjoni tat-tbassir uffiċjali użat fil-kuntest tal-pjan fiskali ta' terminu medju u l-abbozz baġitarju, u dan it-tbassir għandu wkoll ikun simultanjament sottomess għall-approvazzjoni tal-Kunsill Fiskali għall-finijiet tar-Regolament tal-2013.

Monitoraġġ mill-Kunsill Fiskali.

**13.** (1) Il-Kunsill Fiskali għandu jwettaq monitoraġġ fuq, u mill-anqas darba f'sena jagħmel evalwazzjoni dwar, jekk hemmx konformità mal-obbligi skont l-artikoli 7(1)(a) jew 11(1), jew mat-twettiq ta' affarijiet speċifikati fil-pjan skont l-artikolu 11(2).

Iżda, fl-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, u jekk il-Kunsill ma jkunx għadu ġie kostitwit, l-eżerċizzju ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandhom isiru minn esperti kompetenti identifikati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika magħżula skont l-għarfien, l-esperjenza u l-indipendenza tagħhom. Fis-selezzjoni jew ħatra ta' dawn l-uffiċjali l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għandu jikkunsidra x-xewqa li jkollhom il-kompetenza u esperjenza fil-makroekonomija domestika jew internazzjonali jew f'materji fiskali.

(2) Evalwazzjoni skont is-subartikolu (1) għandha tinkludi evalwazzjoni dwar jekk, fl-opinjoni tal-Kunsill Fiskali:

(a) jeżistux jew waqfu milli jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali,

(b) hemm nuqqas skont kif stabbilit fl-artikolu 11(1), u

(ċ) matul kwalunkwe perjodu speċifikat fi pjan skont l-artikolu 11(2), qed isir progress lejn il-konformità mar-regola baġitarja skont il-pjan.

(3) Il-Kunsill Fiskali għandu:

(a) japprova bil-firma tiegħu, kif jidhirlu xieraq, it-

tbassir makroekonomiku u fiskali mħejji mill-Ministeru għall-Finanzi u jipprovdi evalwazzjoni tat-tbassir uffiċjali, u

(b) janalizza u jevalwa jekk l-Istqarrija ta' Politika Fiskali ta' Terminu Medju u Strateġija ta' Politika Fiskali ta' Terminu Medju humiex konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Att, joħroġ opinjoni u kwalunkwe rakkomandazzjoni xierqa;

(ċ) fir-rigward ta' kull Pjan Fiskali Nazzjonali ta' Terminu Medju, Programm ta' Stabbilità, Abbozz ta' Baġit Annwali u Baġit Annwali, jipprovdi evalwazzjoni dwar jekk il-pożizzjoni fiskali għal dik is-sena jew snin ikkonċernati, fl-opinjoni tal-Kunsill Fiskali, twassal għal ġestjoni bil-għaqal tal-ekonomija u l-baġit, u konformi mal-provvedimenti ta' dan l-Att, inkluż b'referenza għad-dispożizzjonijeit tal-Patt ta' Stabbilità u t-Tkabbir;

(d) jevalwa l-prestazzjoni baġitarja tal-Gvern skont il-miri fiskali u l-*policies* speċifikati fl-istrateġija fiskali u l-konformità tagħha mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(e) janalizza u joħroġ opinjoni u kwalunkwe rakkomandazzjoni wara li l-Gvern jippubblika r-rapport ta' nofs is-sena u r-rapport annwali dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit;

(f) jipprovdi informazzjoni u pariri lill-Gvern u l-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi fir-rigward ta' kwalunkwe proposta leġiżlattiva għaż-żamma tad-dixxiplina fiskali u t-trasparenza tal-politika u l-proċessi fiskali u baġitarji.

(4) Il-Kunsill Fiskali għandu, mill-aktar fis possibbli wara li jkun għamel evalwazzjoni skont dan l-artikolu, jagħti kopja tal-evalwazzjoni lill-Ministru u jippubblika l-evalwazzjoni fi żmien għaxart ijiem li jibdew mill-jum li fih tkun ingħatat il-kopja.

(5) Il-Kunsill Fiskali għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni tat-tixrid b'dik il-forma u manjiera, kif ikkunsidrat xieraq, ta' dik l-informazzjoni, kif ikun jixraq, li tingħata lill-pubbliku:

(a) kopja vera tas-sostenibbiltà tal-finanzi ta' terminu medju tal-gvern u;

(b) għarfien suffiċjenti dwar jekk hemmx konformità ma' kwalunkwe obbligu skont l-artikoli 7(1) u 11(1), jew li jagħmel affarijiet speċifikati fil-pjan skont l-artikolu 11(2).

(6) L-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Fiskali

għandhom ikunu kkunsidrati mill-Gvern meta jipprepara u japprova l-istrateġija fiskali u l-baġit annwali.

(7) Jekk il-Gvern ma jaċċettax evalwazzjoni tal-Kunsill Fiskali fir-rigward ta' xi waħda mill-materji msemmija fis-subartikolu (2), il-Ministru għandu fi żmien xahrejn minn meta jingħata l-kopja tal-evalwazzjoni skont is-subartikolu (4), jipprepara u jqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati stqarrija tar-raġunijiet għaliex il-Gvern ma aċċettax l-evalwazzjoni.

TAQSIMA IV

PROĊEDURI TAL-BAĠIT

Pjanijiet tan-Negozju u Finanzjarji

Pjanijiet tan-Negozju u Finanzjarji.

**14.** (1) Kull Ministeru, Dipartiment, Awtorità fis-Settur Pubbliku, Entità u Aġenzija, u Kunsill Lokali li għandhom sovvenzjoni mingħand il-Gvern għandhom jippreparaw, minn sena għal sena, pjan tan-negozju u finanzjarju ta' tliet snin kif preskritt minn żmien għal żmien, mill-Ministru għall-Finanzi. Dawn il-pjanijiet għandhom ikunu sottomessi lill-Ministeru għall-Finanzi. Il-pjanijiet tan-Negozju u Finanzjarji għandhom ikunu bbażati fuq l-Istrateġija Fiskali ta' Terminu Medju li tkun ġiet imħabbra l-aktar reċentement.

(2) Il-Ministeru għall-Finanzi jista' joħroġ linji gwida għall-preparazzjoni tal-Pjanijiet tan-Negozju Fiskali.

(3) Ir-responsabbiltà għall-preparazzjoni tal-Pjanijiet tan-Negozju u Finanzjarji jew in-nuqqas tagħhom, taqa' fis-sħiħ fuq il-Ministeru, Dipartiment, Awtorità fis-Settur Pubbliku, Entità u Aġenzija, u Kunsill Lokali rispettiv. In-nuqqas tas-sottomissjoni tal-pjan tan-negozju u finanzjarju minn kwalunkwe Ministeru, Dipartiment, Awtorità fis-Settur Pubbliku, Entità u Aġenzija, u Kunsill Lokali jagħti dritt awtomatiku lill-Ministeru għall-Finanzi li jalloka fondi skont id-diskrezzjoni tiegħu.

(4) Il-Ministeru għall-Finanzi jista' jipproponi emendi fil-Pjanijiet tan-Negozju u Finanzjarji fejn iqis li huwa neċessarju sabiex jiżgura konformità mal-Istrateġija Fiskali ta' Terminu Medju tal-Gvern kif stabbilita skont dan l-Att, inkluża konformità mar-regoli fiskali u l-miri ta' nfiq. Fejn meħtieġ, l-emendi proposti għandhom ikunu sottomessi lill-Ministeru Dipartiment, Awtorità fis-Settur Pubbliku, Entità u Aġenzija, u Kunsill Lokali li għandhom sovvenzjoni mingħand il-Gvern.

(5) Il-Ministeru, Dipartiment, Awtorità fis-Settur Pubbliku,

Entità u Aġenzija, u Kunsill Lokali li għandhom sovvenzjoni mingħand il-Gvern u li jirċievu pjan rivedut tan-negozju u finanzjarju, għandhom jew jaċċettaw il-proposta tal-Ministeru għall-Finanzi jew jipprovdu tweġiba dettaljata b'enfasi dwar fejn ikun hemm in-nuqqas ta' qbil fil-proposta. It-tweġiba għandha tintbagħat lill-Ministeru għall-Finanzi fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru. In-nuqqas li tintbagħat risposta f'dan il-perjodu għandha titqies li tikkostitwixxi aċċettazzjoni *prima facie* tal-proposta riveduta mill-Ministeru għall-Finanzi.

Strateġija Fiskali ta' Terminu Medju

Strateġija fiskali ta' terminu medju.

**15.** (1) F'kull sena finanzjarja, il-Gvern għandu jqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra, l-Istqarrija tal-Politika ta' Terminu Medju u l-Istrateġija tal-Politika Fiskali.

(2) L-Istqarrija tal-Politika ta' Terminu Medju u l-Istrateġija tal-Politika Fiskali għandha turi l-objettivi fiskali, il-prijoritajiet strateġiċi u mira minn sena għal sena ta' tliet snin għall-ġestjoni fiskali flimkien mad-deskrizzjoni ta' kwalunkwe suppożizzjoni sottostanti.

It-tbassir makroekonomiku u fiskali għandu jkun approvat mill-Kunsill Fiskali u magħmul pubbliku.

(3) B'mod partikolari, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-istqarrija tal-politika fiskali ta' terminu medju għandha tinkludi evalwazzjoni tas-sostenibbiltà fir-rigward ta':

(a) il-bilanċ bejn id-dħul u l-infiq;

(b) l-użu tad-dħul kapitali inkluż self mis-suq miftuħ għall-ġenerazzjoni ta' assi produttivi; u

(ċ) l-estimi annwali tar-responsabbiltajiet dwar pensjonijiet maħduma fuq bażi attwarja, għall-għaxar snin li ġejjin, fi żmien dak il-perjodu li l-Gvern jista', b'ordni, jispeċifika.

(4) Il-qafas makroekonomiku li hu l-bażi tal-Istqarrija ta' Politika Fiskali ta' Terminu Medju, għandu jkollu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni makroekonomika u t-tbassir:

(a) tas-sena kurrenti baġitarja u mill-inqas it-tliet snin finanzjarji li jkunu ġejjin u l-*out turns* attwali taż-żewġ baġits preċedenti;

(b) tal-prodott domestiku gross u l-komponenti tiegħu;

(ċ) tal-prezzijiet għall-konsumatur u d-deflatur tal-prodott domestiku gross;

(d) tax-xogħol u l-qgħad;

(e) il-qagħda tal-kont kurrenti fil-bilanċ tal-pagamenti;

(f) tal-metodoloġija, is-suppożizzjonijiet u l-parametri relevanti li jiffurmaw il-bażi tat-tbassir;

(g) stqarrija dwar il-konsistenza u d-differenzi mit-tbassir tal-Kummissjoni Ewropea, u, jekk xieraq, dawk ta' organi indipendenti oħra, inkluż paragun tas-suppożizzjonijiet ekonomiċi prinċipali;

(h) evalwazzjoni tat-tbassir makroekonomiku wara mill-anqas erba' snin, li tidentifika b'mod ċar l-iżbalji fit-tbassir u l-preġudizzji. L-evalwazzjoni għandha tkun pubblika.

(5) Il-qafas fiskali li huwa l-bażi tal-Istqarrija ta' Politika Fiskali ta' Terminu Medju għandu jkollu rizultati attwali taż-żewġ baġits preċedenti, riżultati tal-estimi tal-baġit kurrenti, il-limitu ta' nfiq għall-baġit li ġej u s-sentejn ta' warajh kondizzjonati skont it-tbassir tad-dħul u konsistenti mar-regoli fiskali u li jkopru:

(a) il-bilanċ totali tal-baġit tal-gvern ġenerali bħala perċentwali tal-Prodott Domestiku Gross (PDG);

(b) it-total tal-infiq kurrenti tal-gvern ġenerali bħala perċentwali tal-Prodott Domestiku Gross (PDG);

(ċ) it-total tal-infiq kapitali tal-gvern ġenerali bħala perċentwali tal-Prodott Domestiku Gross (PDG);

(d) l-ispejjeż fuq il-persunal għall-baġit tal-gvern ġenerali bħala perċentwali tal-Prodott Domestiku Gross (PDG);

(e) il-limitu fuq il-ħruġ ta' garanziji mill-Gvern permezz tal-Ministeru għall-Finanzi;

(f) il-bilanċ primarju tal-baġit tal-gvern ġenerali.

(6) Il-qafas fiskali fl-Istqarrija ta' Politika Fiskali ta' Terminu Medju għandu jkun fih:

(a) tbassir aġġornat tal-baġit kurrenti u tat-tliet snin ta' wara u riżultati attwali taż-żewġ baġits preċedenti tal-baġit tal-gvern ġenerali u baġits oħra speċifikati fil-baġit tal-gvern għal:

(i) il-livell tad-dħul baġitarju klassifikat skont il-kategoriji ewlenin tad-dħul;

(ii) il-livell ta' spejjeż baġitarji kklassifikati skont klassifiċi ekonomiċi u funzjonali;

(iii) bilanċ bejn l-infiq totali operattiv u d-dħul totali operattiv;

(iv) riżerva ta' kontinġenza;

(v) l-infiq kapitali;

(vi) il-livell tad-dejn ġenerali tal-gvern;

(vii) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Ministru għall-Finanzi jista' jqis bħala materjali għall-istrateġija fiskali ta' terminu medju;

(viii) suppożizzjonijiet prinċipali li fuqhom in-numri ta' hawn fuq huma bbażati; u

(ix) analiżi ta' sensittività meta jitqies it-tibdil possibbli fil-kundizzjonijiet makroekonomiċi. L-analiżi ta' sensittività għandha tkun gwidata mill-prestazzjoni tat-tbassir preċedenti u għandha tqis ix-xenarji ta' riskju relevanti;

(b) spjegazzjoni tal-politika fiskali fir-rigward tal-prinċipji tar-responsabbiltà fiskali u r-regoli fiskali, u kwalunkwe miżura temporanja li għandha tiġi implimentata sabiex ikun hemm konformità;

(ċ) analiżi u spjegazzjoni tal-politika fiskali ta' terminu medju li għandha impatt fuq il-finanzi tal-gvern ġenerali maqsuma fi:

(i) il-politika dwar id-dħul, inkluż tibdil ippjanat f'taxxi u politika li jaffettwaw qligħ ieħor;

(ii) il-politika dwar id-dejn u d-defiċit, inkluż analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn; u

(iii) il-politika ta' nfiq, inkluż prijoritajiet fl-infiq, intenzjonijiet ta' nfiq aggregat, inkluż għall-baġit tal-gvern ġenerali u baġit oħra; u l-limitu ta' nfiq u miri oħra u limiti impliċiti minn jew meħtieġa mir-regoli fiskali;

(d) deskrizzjoni ta' kif il-miri fiskali ta' terminu medju huma konformi mal-aġġustamenti meħtieġa lejn l-objettivi baġitarji ta' terminu medju konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(e) stqarrija tar-riskju fiskali, inkluż kwalunkwe impenn u responsabbiltajiet kontinġenti mhux inklużi fit-tbassir fiskali; u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha li jista' jkollhom effett materjali fuq it-tbassir fiskali u ekonomiku u li għadhom ma ġewx inkorporati fit-tbassir fiskali, kif ukoll informazzjoni dwar it-telf u l-ħlas pendenti tal-intrapriżi governattivi;

(f) analiżi tal-konsistenza tal-istrateġija fiskali ta' terminu medju aġġornata mal-istrateġija ta' terminu medju preċedenti, li tipprovdi spjegazzjoni tat-tibdil sinifikattiv;

(g) projezzjonijiet ta' kull infiq u dħul maġġuri tal-gvern ġenerali b'aktar speċifikazzjonijiet fuq il-gvern ċentrali u l-livell ta' sigurtà soċjali, għas-sena baġitarja u tliet snin ta' wara bbażat fuq *policies* mhux mibdula.

(7) L-Istrateġija ta' Politika Fiskali ta' terminu medju għandha tistabbilixxi livell aggregat tal-pjanijiet ta' nfiq tal-Gvern għas-sena baġitarja li tkun ġejja, it-tliet snin sussegwenti, estimi tar-riżultati attwali tas-sena kurrenti u riżultati attwali tas-sentejn preċedenti, li jkun fihom:

(a) l-infiq prijoritarju u r-raġunijiet tiegħu, inkluż spjegazzjoni ta' kif il-Gvern mistenni jtejjeb il-politika, l-effiċjenza, l-effettività u l-ekwità fit-twassil tas-servizz, il-kwalità tal-attivitajiet regolatorji, u l-inizjattivi tiegħu għat-tnaqqis tal-ostakoli għan-negozju u l-inkoraġġiment għat-tkabbir tas-settur privat f'diversi setturi;

(b) programm ta' investiment pubbliku, inkluż il-prijoritajiet tal-Gvern u l-ġustifikazzjonijiet għalihom.

(8) L-Istrateġija ta' Politika Fiskali ta' terminu medju għandu jkun fiha stqarrija tar-responsabbiltà ffirmata mill-Prim Ministru u l-Ministru għall-Finanzi li jaffermaw l-affidibbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni fl-istrateġija fiskali ta' terminu medju u l-konformità mal-prinċipji tar-responsabbiltà fiskali.

(9) Konformement mar-Regolament tal-2013, il-Pjan Fiskali Nazzjonali ta' Terminu Medju, li idealment għandu jkun ippubblikat sal-15 ta' April iżda mhux aktar tard mit-30 ta' April, għandu jkun ibbażat fuq l-Istqarrija tal-Politika Fiskali ta' Terminu Medju u fuq l-

Istrateġija tal-Politika Fiskali aġġornati bit-tbassir uffiċjali l-aktar reċenti kif ikun xieraq.

Abbozz tal-Baġit Annwali

Abbozz tal-baġit annwali.

**16.** (1) Il-Ministru għall-Finanzi għandu jipprepara Pjan ta' Abbozz Baġitarju għas-sena li tkun ġejja skont il-projezzjoni tal-Pjan Fiskali ta' Terminu Medju kif aġġornat bil-projezzjonijiet makroekonomiċi l-aktar aġġornati.

(2) Il-pjan ta' abbozz baġitarju għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja għas-sena li jmiss:

(a) il-mira tal-bilanċ tal-baġit tal-gvern ġenerali bħala perċentwali tal-Prodott Domestiku Gross (PDG), maqsum skont is-subsetturi tal-Gvern ġenerali;

(b) il-projezzjonijiet a bażi tal-politika mhux mibdula tal-infiq u d-dħul bħala perċentwali tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għall-gvern ġenerali u l-komponenti ewlenin, inkluż il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss;

(ċ) il-mira tal-infiq u d-dħul bħala perċentwali tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-gvern ġenerali u l-komponenti ewlenin, waqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet u l-kriterji li jistabilixxu t-triq għat-tkabbir tal-infiq nett tal-gvern tal-miżuri tad-dħul diskrezzjonali skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-1997 dwar is-Sorveljanza u l-Koordinazzjoni;

(d) l-informazzjoni relevanti tal-infiq skont il-funzjoni tal-gvern ġenerali, inkluż l-edukazzjoni, is-saħħa u x-xogħol, u fejn possibbli, indikazzjonijiet fuq l-impatt distributorju mistenni mill-miżuri ta' nfiq u d-dħul ewlenin;

(e) deskrizzjoni u kwantifikazzjoni tal-miżuri ta' nfiq u d-dħul li għandhom jidħlu fl-abbozz tal-baġit għas-sena li jkun imiss fil-livell ta' kull subsettur sabiex inaqqsu d-distakk bejn il-miri msemmija fil-paragrafu (ċ) u l-projezzjonijiet fil-politika mhux mibdula prevista skont il-paragrafu (b);

(f) is-suppożizzjonijiet prinċipali tat-tbassir indipendenti makroekonomiku u l-iżviluppi ekonomiċi importanti li huma relevanti għall-ksib tal-miri baġitarji;

(g) anness li fih il-metodoloġija, il-mudelli ekonomiċi u s-suppożizzjonijiet, u kwalunkwe parametru ieħor li jagħmel enfasi fuq it-tbassir baġitarju u l-impatt stmat tal-miżuri aggregati tal-baġit fuq it-tkabbir ekonomiku;

(h) indikazzjoni ta' kif ir-riformi u l-miżuri fil-pjan ta' abbozz baġitarju, inkluż partikolarment investiment pubbliku, jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet kurrenti lill-Istati Membri kkonċernati skont l-Artikoli 121 u 148 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u li huma strumentali għall-kisba tal-miri stabbiliti fl-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u x-xogħol.

(3) Il-Pjan ta' Abbozz Baġitarju għandu jkun sottomess għall-approvazzjoni tal-Kunsill Fiskali u għandu wara dan ikun pubbliku.

(4) Il-Ministru għall-Finanzi għandu wkoll jagħmel Rapport li jkun fih:

(a) tweġiba dettaljata skont l-artikolu 14(5) li jenfasizza n-nuqqas ta' qbil mal-pjan tan-negozju u finanzjarju propost;

(b) il-lista tal-allokazzjoni baġitarja kkontestata, l-impatt fiskali ta' kull allokazzjoni baġitarja kkontestata, u proposta mill-Ministeru għall-Finanzi biex jirrifjuta t-talba jew jaċċetta bla ħsara għal allokazzjoni ta' finanzjament ulterjuri jew permezz ta' miżuri ta' dħul dettaljat jew permezz tat-tnaqqis fl-infiq xi mkien ieħor tal-baġit.

(5) Il-Pjan ta' Abbozz Baġitarju u r-Rapport imsemmi fis-subartikolu (4) għandu jkun sottomess mill-Ministru għall-Finanzi lill-Kabinett. Id-deliberazzjonijiet għandhom isiru bil-konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għandhom jikkostitwixxu l-bażi tal-preżentazzjoni tal-Baġit.

Baġit Annwali

**17.** (1) Il-Gvern għandu jippreżenta baġit annwali lill-Kamra tad-Deputati konsistenti mal-prinċipji tar-responsabbiltà fiskali, ir-regoli fiskali, l-istrateġija fiskali u kwalunkwe ħtieġa oħra f'dan l-Att. Il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Finanzi għandhom jiffirmaw stqarrija li fiha jaffermaw dik il-konsistenza li għandha tiġi preżentata lill-Kamra tad-Deputati mal-Baġit Annwali. Baġit Annwali.

(2) Il-Baġit għandu jirbaħ fuq kwalunkwe pjan ta' negozju jew abbozz ta' pjan ta' negozju.

(3) M'għandux ikun permess l-assenjament ta' livell speċifiku ta' fondi lil Ministeru jew settur, sakemm ma jkunx hemm approprjazzjoni permanenti mill-Kamra tad-Deputati. Allokazzjonijiet tal-fondi tal-baġit lil Ministeru jew settur jistgħu jsiru biss permezz tal-proċess annwali tal-baġit.

(4) Il-Ministeru għall-Finanzi għandu jkollu s-setgħa li jitlob emendi tal-proposti baġitarji jew jiċħad it-talbiet kollha għall-allokazzjonijiet baġitarji li ma jkunux konformi mal-Istrateġija Fiskali tal-Gvern u kwalunkwe istruzzjoni li tista', minn żmien għal żmien, tinħareġ mill-Ministeru għall-Finanzi. Jekk xi awtorità responsabbli mill-infiq tonqos milli temenda l-proposti tal-baġit tagħha f'konformità mal-istruzzjonijiet maħruġa, il-Ministeru għall-Finanzi għandu jkollu s-setgħa li unilateralament jemenda l-proposta tal-baġit għall-inklużjoni fil-baġit annwali.

(5) Jekk il-Gvern jikkunsidra li jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali kif imfisser f'dan l-Att u, bis-saħħa ta' dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, ma jistax ikun konformi mal-ħtiġiet tas-subartikolu (4), il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Finanzi għandhom jippreparaw u jipprovdu stqarrija li tagħti spjegazzjoni għal dawn id-devjazzjonijiet. Din l-istqarrija għandha tiġi ppreżentata lill-Kamra tad-Deputati mal-Baġit Annwali u għandha tinkludi proposti u l-perjodu li matulu l-Gvern ikun konformi mal-prinċipji tar-responsabbiltà fiskali, ir-regoli fiskali, l-istrateġija fiskali u l-ħtiġiet l-oħra ta' dan l-Att, ladarba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jintemmu.

(6) Il-Kunsill Fiskali għandu jagħti opinjoni dwar l-istqarrija speċifikata fis-subartikolu (5).

(7) L-Att Annwali tal-Baġit għandu jkun konsistenti mal-istrateġija fiskali u mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għandu jippreżenta:

(a) il-miri fiskali għas-sena li jkun imiss u s-sentejn ta' wara, f'termini nominali u espressi bħala sehem tal-Prodott Domestiku Gross (PDG), għall-bilanċ tal-baġit tal-gvern ġenerali, il-bilanċ primarju tal-baġit tal-gvern ġenerali, id-dħul u l-infiq totali u l-infiq primarju tal-baġit tal-gvern ġenerali;

(b) il-livell tad-dejn pubbliku;

(ċ) informazzjoni dwar kif ġew stabbiliti l-miri, inkluża l-preżentazzjoni tal-metodoloġija użata għall-kalkolu u paragun mal-eżekuzzjoni tagħhom fl-aħħar sentejn;

(d) preżentazzjoni tal-impatt finanzjarju ta' kull tibdil leġiżlattiv u kull miżura kumpensatorja li ser tittieħed.

Infiq skont il-Baġit

Infiq skont il-Baġit.

**18.** Il-proponenti ta' proġett, politika u programmi u miżuri li jinvolvu żieda jew infiq pubbliku ġdid għandhom jipprovdu lill-

Ministeru għall-Finanzi:

(a) deskrizzjoni dettaljata tal-proġett jew programm propost u l-objettivi tiegħu u r-riżultat u l-impatt probabbli;

(b) dikjarazzjoni finanzjarja dettaljata, inkluża kwalunkwe suppożizzjoni u kwalunkwe metodoloġija ta' kalkolu dettaljata, li tidentifika l-ispejjeż kollha ta' nfiq kapitali u kurrenti għall-implimentazzjoni tal-politika jew programm tal-proġett;

(ċ) deskrizzjoni ta' kif l-inizjattivi jew il-miżuri proposti huma konformi mal-objettivi u l-prijoritajiet strateġiċi tal-Istrateġija Fiskali ta' Terminu Medju tal-Gvern u mal-baġit annwali u l-limiti ta' nfiq speċifikati fl-Istrateġija Fiskali ta' Terminu Medju kif aġġornati bit-tbassir uffiċjali l-aktar reċenti.

**19.** Il-Ministeru għall-Finanzi għandu jgħarbel u jevalwa kull tali proposta u jiddetermina dwar l-inklużjoni tagħhom fil-baġit annwali tal-Gvern jew xort'oħra.

Reviżjoni u evalwazzjoni tal-proposti.

**20.** Il-persuni kollha responsabbli għar-reklutaġġ fis-settur pubbliku, il-politika ta' ħlas u ftehim dwar pagi għandhom jiżguraw li dan ir-reklutaġġ, politika u ftehim huma konformi mal-objettivi tar-responsabbiltà fiskali, ir-regoli fiskali u l-objettivi u l-limiti stabbiliti skont l-istrateġija fiskali u baġitarja.

Persuni responsabbli għar-reklutaġġ fis-servizz pubbliku, eċċ.

**21.** Il-persuni kollha responsabbli għall-benefiċċji soċjali u l-benefiċċji tal-pensjoni mħallsa minn fondi pubbliċi għandhom jiżguraw li kull benefiċċju soċjali jew benefiċċju tal-pensjoni ġodda jew miżjuda huma konsistenti mal-objettivi tar-responsabbiltà fiskali, ir-regoli fiskali u l-objettivi u l-limiti stabbiliti skont l-istrateġija fiskali u baġitarja.

Persuni responsabbli għall-finanzjament pubbliku ta' benefiċċji soċjali jew tal-pensjoni.

**22.** Matul is-sena tal-baġit ma jistax isir jew jiġi kommess infiq ġdid jew miżjud f'eċċess tal-allokazzjoni baġitarja relevanti, ħlief bl-approvazzjoni espressa tal-Ministru għall-Finanzi.

Infiq ġdid jew addizzjonali.

**23.** Fl-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat il-Ministeru għall-Finanzi għandu f'kull ħin jiżgura konsistenza mar-regoli fiskali u l-limiti ta' nfiq billi jitlob mingħand l-entità responsabbli u f'din l-ordni:

Konsistenza mar-regoli fiskali.

(a) *virements* bejn voti fl-istess dipartiment;

(b) allokazzjoni mill-ġdid tal-infiq fl-istess Ministeru.

Ċaħda jew approvazzjoni għal infiq ġdid jew addizzjonali.

**24.** Fin-nuqqas tal-identifikazzjoni tal-*virements* jew l-allokazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi kif imfisser fl-artikolu 23, il-Ministeru għall-Finanzi għandu jkollu s-setgħa li jiċħad l-approvazzjoni għal infiq ġdid jew addizzjonali, ħlief jekk, u f'din l-ordni:

(a) wara n-notifika kif suppost, il-Ministeru għall-Finanzi japproprja riżorsi mhux minfuqa minn ministeri oħra, dipartimenti jew entitajiet fis-settur pubbliku li ma jaqbżux it-3 fil-mija tal-allokazzjoni baġitarja għal dak il-ministeru, dipartiment jew entità tas-settur pubbliku;

(b) il-ġbid ta' self mir-Riżerva ta' Kontinġenza stabbilit bis-saħħa ta' dan l-Att huwa espressament approvat mill-Prim Ministru wara proposta mingħand il-Ministru għall-Finanzi.

Infiq ġdid jew addizzjonali mhux awtorizzat.

**25.** Kwalunkwe nfiq ġdid jew addizzjonali mhux awtorizzat għandu jkun ir-responsabbiltà unika ta' dik il-persuna li tkun tat l-awtorizzazzjoni u l-persuna li tokkupa l-ogħla pożizzjoni eżekuttiva fid-Dipartimenti, awtoritajiet, aġenziji, u entitajiet li jaqgħu taħt dan l-Att u għandu jwassal għal azzjoni dixxiplinarja.

Ftehim kollettivi u negozjati oħra dwar ħlasijiet.

**26.** Il-persuni kollha li jinnegozjaw ftehim kollettiv fis-settur pubbliku u negozjati oħra dwar ħlasijiet għandhom jiżguraw li kull proposta magħmula matul dawn in-negozjati huma konsistenti mal-objettiv tar-responsabbiltà fiskali, ir-regoli fiskali u l-objettivi u l-limitu stabbilit skont l-istrateġija fiskali u baġitarja. L-ebda ftehim kollettiv u negozjati dwar ħlasijiet ma għandhom ikunu konklużi sa meta ma jkunux għadhom ġew evalwati l-implikazzjonijiet fiskali mill-Ministeru għall-Finanzi b'mod xieraq u mingħajr l-approvazzjoni tal-Ministru għall-Finanzi. F'każ li ftehim kollettiv ma jkollux l-approvazzjoni minn qabel tal-Ministeru għall-Finanzi, dan il-ftehim għandu jitqies bla effett.

Każijiet eċċezzjonali u ġustifikati.

**27.** F'każijiet eċċezzjonali u ġustifikati, il-Ministeru għall-Finanzi jista' japprova żieda fl-allokazzjoni tal-infiq għall-persunal, iżda l-istituzzjoni li titlob din iż-żieda għandha tipprovdi prova tal-konformità mal-artikolu 18 u mal-baġit annwali approvat għal dik l-istituzzjoni

Miri tad-dħul u nfiq.

**28.** Ministeri, Dipartimenti, Awtoritajiet fis-Settur Pubbliku, Entitajiet u Aġenziji u Kunsilli Lokali għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jilħqu l-miri tagħhom tad-dħul u nfiq u għandhom jimxu mal-istruzzjonijiet li jistgħu, minn żmien għal żmien, jinħarġu mill-Ministru għall-Finanzi.

## Dħul skont il-Baġit

**29.** Il-Ministeru għall-Finanzi għandu - Dħul skont il-Baġit.

(a) fil-preżentazzjoni tiegħu tal-baġit annwali, jelabora u jippubblika programm annwali dettaljat tal-ġbir tad-dħul li għandu jinkludi:

(i) miri trimestrali għal ġbir tad-dħul fir-rigward ta' kull sors ta' dħul;

(ii) miri trimestrali għal ġbir ta' dħul b'lura;

(iii) miżuri ppjanati kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa;

(b) jippubblika t-tbassir annwali tal-ġbir tad-dħul mingħand kull istituzzjoni ffinanzjata minnha nfisha inkluż, fejn applikabbli, tbassir għall-irkupru ta' dħul b'lura.

**30.** Proposti għal kwalunkwe miżura jew leġiżlazzjoni li jwasslu għal tnaqqis tad-dħul baġitarju għandhom: Tnaqqis fid-dħul baġitarju.

(a) ikunu approvati mill-Ministru għall-Finanzi li, min-naħa tiegħu, għandu jieħu konsiderazzjoni tal-impatt ta' dik il-miżura jew proposta leġiżlattiva fit-tbassir tad-dħul baġitarju, il-miri annwali tal-baġit u l-miri ta' terminu medju;

(b) ikunu akkumpanjati, fejn huwa raġonevolment possibbli jew prattikabbli, minn proposti ta' miżuri jew għall-ispejjeż u/ jew għad-dħul biex jikkompensaw għall-istima tal-impatt finanzjarju ta' dawk il-proposti.

## Riżerva għall-Kontinġenza

**31.** Għandha tiġi stabbilita riżerva ta' kontinġenza mill-Ministeru għall-Finanzi sabiex jiżgura li l-eventwalitajiet ta' nfiq jew dħul mhux prevvist ma jipperkolawx il-konformità mar-regoli fiskali. Riżerva għall-kontinġenza.

**32.** Sakemm il-baġit ma jkunx bilanċjat, ir-riżerva ta' kontinġenza għandha tkun stabbilita bħala vot ta' nefqa li jkun approprijat fl-eventwalità ta' ċirkostanzi temporanji u mhux prevedibbli. Riżerva ta' kontinġenza għandha tiġi stabbilita bħala vot ta' nefqa.

**33.** Għandhom isiru dispożizzjonijiet finanzjarji speċifiċi għar-riżerva ta' kontinġenza malli l-pożizzjoni tal-baġit tal-gvern ġenerali tkun f'bilanċ favorevoli. Il-fondi assenjati għar-riżerva ta' kontinġenza jistgħu jkunu investiti f'assi likwidi ta' kwalità għolja ta' terminu qasir. Fondi allokati għar-riżerva ta' kontinġenza.

Ammont tar-riżerva ta' kontinġenza.

**34.** Ir-Riżerva ta' Kontinġenza għandha tammonta għal bejn 0.1 fil-mija u 0.5 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) fi kwalunkwe sena waħda partikolari.

Akkumulu gradwali tar-riżerva ta' kontinġenza.

**35.** Ir-riżerva ta' kontinġenza għandha takkumula gradwalment fuq ħames snin li jibdew mill-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Ġbid ta' self mir-riżerva ta' kontinġenza.

**36.** Il-ġbid ta' self mir-riżerva ta' kontinġenza għandu jsir biss f'ċirkostanzi urġenti, temporanji u mhux previsti wara proposta mingħand il-Ministeru għall-Finanzi u bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru.

Rifużjoni tar-riżerva ta' kontinġenza.

**37.** Kwalunkwe ġbid mir-riżerva ta' kontingenza għandu jingħamel tajjeb għalih gradwalment fuq perjodu ta' tliet snin sakemm jiġi stabbilit mill-ġdid il-limitu kif imfisser fl-artikolu 34.

Approvazzjoni mill-Kamra tad-Deputati.

**38.** Kwalunkwe ġbid mir-riżerva ta' kontinġenza għandu jkun preżentat lill-Kamra tad-Deputati għall-approvazzjoni finali.

Monitoraġġ fuq l-Eżekuzzjoni tal-Baġit matul is-Sena

Implimentazzjoni tal-baġit approvat.

**39.** (1) Matul l-eżekuzzjoni tal-baġit, il-Ministeru għall-Finanzi għandu jwettaq monitoraġġ u regolarment jivvaluta l-implimentazzjoni tal-baġit approvat.

(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' monitoraġġ u valutazzjoni, il-Ministeru għall-Finanzi għandu, minn żmien għal żmien, ikollu d-dritt li:

(a) joħroġ kwalunkwe istruzzjoni jew direttiva lill-Ministeri, Dipartimenti, Awtoritajiet tas-Settur Pubbliku, Entitajiet u Aġenziji u Kunsilli Lokali, kif jista' jitqies neċessarju għat-tkomplija tal-miri u l-objettivi tal-istrateġija fiskali tal-Gvern;

(b) jitlob mill-Ministeri, Dipartimenti, Awtoritajiet tas-Settur Pubbliku, Entitajiet u Aġenziji u Kunsilli Lokali, kif iqis xieraq, kwalunkwe informazzjoni kif jista' jiġi preskritt.

(3) Ministeri, Dipartimenti, Awtoritajiet tas-Settur Pubbliku, Entitajiet u Aġenziji u Kunsilli Lokali għandhom josservaw kull istruzzjoni jew direttivi li jistgħu jinħarġu mill-Ministeru għall-Finanzi u għandhom jagħtu aċċess sħiħ u jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-format u fil-perjodu ta' ħin kif jista' jiġi preskritt, minn żmien għal żmien, mill-Ministeru għall-Finanzi.

(4) Ministeri, Dipartimenti, Awtoritajiet tas-Settur Pubbliku, Entitajiet u Aġenziji u Kunsilli Lokali għandu jkollhom

responsabbiltà distinta biex jiżguraw qafas istituzzjonali affidabbli, trasparenti u funzjonali, li jiżgura l-intergrità tas-sistemi tar-rapurtaġġ fiskali. Għal din ir-raġuni dawn għandhom:

(a) iżommu kotba tal-kontijiet xierqa li jipprovdu stampa ġusta u ċara tad-dħul u d-debituri, infiq u l-kredituri, l-impenji ta' nfiq u responsabbiltajiet kontinġenti oħra;

(b) jimxu skont politika, prinċipji, proċeduri u metodoloġija ta' kontabilità preskritta mill-Gvern, kif jista' jiġi approvat jew preskritt, minn żmien għal żmien, mill-Ministeru għall-Finanzi;

(ċ) jiżguraw il-komprensività, l-integrità, l-affidabilità u l-puntwalità fir-rappurtaġġ tad-*data* finanzjarja u kwalunkwe informazzjoni oħra lill-Ministeru għall-Finanzi, it-Teżor u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

(5) Kapijiet ta' Ministeri, Dipartimenti, Awtoritajiet u entitajiet oħra għandhom jiżguraw l-osservanza u konformità sħiħa mal-ħtiġiet statutorji u rapporti oħra kif stabbilit f'dan l-Att jew kif jista', minn żmien għal żmien, ikun preskritt, mill-Ministeru għall-Finanzi, it-Teżor u/jew l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. Kwalunkwe nuqqas fil-ħarsien tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu u tas-subartikoli (3) u (4) għandu jwassal għal proċeduri dixxiplinari.

Rappurtar dwar il-baġit matul is-sena.

(6) Wara l-approvazzjoni tal-baġit annwali u matul it-twettiq tiegħu, il-Ministeru għall-Finanzi għandu kull xahar jippubblika skedi ta' dħul u qligħ, maqsumin skont is-sors ta' dħul u l-funzjoni ekonomika.

(7) F'Lulju ta' kull sena, il-Ministru għall-Finanzi għandu jikkompila u jqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati rapport ta' nofs is-sena dwar is-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja.

(8) Ir-rapport ta' nofs is-sena stipulat fis-subartikolu (7) għandu, mingħajr ma jkun limitat għal, ikun fih dan li ġej:

(a) reviżjoni tas-sitwazzjoni makroekonomika li tkun tinkludi l-aħħar bidliet u xejriet sinifikanti minn wara li l-baġit annwali jkun ġie finalizzat;

(b) evalwazzjoni tal-impatt tal-miri fiskali ta' kull bidla fis-sitwazzjoni makroekonomika;

(ċ) preżentazzjoni tal-miżuri korrettivi neċessarji li qegħdin jittieħdu u/jew li għandhom jittieħdu biex jindirizzaw

dawk l-impatti;

(d) spjegazzjoni ta' kif l-implimentazzjoni tal-baġit hija konsistenti mal-impenji Ewropej tal-Gvern, b'mod partikolari mat-termini tal-Patt ta' Stabbilità u t-Tkabbir;

(e) *data* fuq id-dħul ġenerali tal-baġit, dettaljat għal kull kategorija ta' qligħ, waqt li jindika t-tbassir inizjali, id-dħul miġbur fl-ewwel sitt xhur u tbassir aġġornat tas-sena kollha;

(f) *data* fuq l-infiq tal-baġit ġenerali, klassifikazzjoni dettaljata ekonomika u funzjonali ta' kull baġit kostitwenti tal-baġit tal-gvern ġenerali, li jindika l-infiq approvat, l-ispejjeż imġarrba fl-ewwel sitt xhur u tbassir aġġornat tas-sena sħiħa;

(g) *data* dwar il-bilanċ baġitarju tal-baġit tal-gvern ġenerali (totali u primarju), li jindika l-programm approvat, fl-ewwel sitt xhur u tbassir aġġornat għas-sena kollha;

(h) *data* dwar l-assorbiment tal-fondi Ewropej, li jindika l-programm approvat, ir-riżultati milħuqa fl-ewwel sitt xhur u tbassir aġġornat tas-sena kollha;

(i) *data* dwar il-kredituri pendenti għall-ewwel sitt xhur tas-sena;

(j) *data* tad-dejn governattiv u l-finanzjament tad-defiċit tal-baġit;

(k) spjegazzjonijiet ta' kwalunkwe nuqqas ta' ġbir tad-dħul u d-dħul pendenti mbassar, li jindikaw il-miżuri meħuda u kull miżura ppjanata sabiex jittejjeb dan il-ġbir.

(9) L-informazzjoni li tinsab fir-rapport ta' nofs is-sena msemmi fis-subartikolu (7) dwar is-sitwazzjoni ekonomika u fiskali għandha, sa fejn hu possibbli, tqis kull deċiżjoni tal-Gvern u żviluppi oħra, li jistgħu jkollhom effett fuq il-prospetti fiskali u ekonomiċi għas-sena.

(10) Id-*data* u l-informazzjoni li tinsab fir-rapport ta' nofs is-sena fuq is-sitwazzjoni ekonomika u l-baġit għandha tkun preżentata f'format ta' tabelli paragunabbli ma' dawk tal-baġit annwali u l-Istrateġija Fiskali ta' Terminu Medju.

## Reviżjonijiet

Reviżjonijiet.

**40.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-istrateġija fiskali tista' tiġi riveduta jekk:

(a) hemm bidla fil-kopertura tal-baġit tal-gvern ġenerali, waqt li jingħataw ir-raġunijiet, id-*data* u informazzjoni oħra li huma paragunabbli għall-kopertura l-ġdida tal-baġit tal-gvern ġenerali;

(b) ikun hemm xejra għall-agħar sinifikanti tal-indikaturi makroekonomiċi li jkun ġew użati għall-preparazzjoni tal-istrateġija fiskali;

(ċ) Gvern ġdid jidhirlu xieraq li jibdel l-Istrateġija Fiskali ta' Terminu Medju sabiex jirrifletti l-prijoritajiet politiċi ġodda. F'dan il-każ, il-gvern ġdid għandu jindika d-differenzi mill-istrateġija fiskali ta' terminu medju preċedenti.

(2) Il-Ministru għall-Finanzi għandu jissottometti kull reviżjoni tal-istrateġija fiskali lill-Kamra tad-Deputati għal konsiderazzjoni tagħha kif imiss.

(3) Ir-reviżjoni tal-istrateġija fiskali, il-baġit annwali, jew kwalunkwe dokument baġitarju ieħor, għandhom ikunu suġġetti għar-reviżjoni u l-opinjoni tal-Kunsill Fiskali.

(4) Il-verżjoni riveduta tal-istrateġija fiskali għandu jkollha sezzjoni li tispeċifika u tispjega d-differenzi mill-verżjoni preċedentement impoġġija fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

Rapport Annwali tal-Gvern

**41.** (1) Il-Ministru għall-Finanzi għandu jipprepara u jagħmel pubbliku qabel jew fit-tmiem tax-xahar ta' Ġunju ta' kull sena, rapport annwali tas-sena fiskali preċedenti. Rapport Annwali tal-Gvern.

(2) L-għan ta' dan ir-rapport annwali huwa sabiex:

(a) jipprovdi informazzjoni dwar it-twettiq tal-baġit preċedenti u jagħmel paraguni bejn ir-riżultati tiegħu u l-objettivi strateġiċi u l-prijoritajiet tal-istrateġija fiskali u l-miri fiskali kif imħabbar fl-baġit annwali preċedenti;

(b) janalizza kif il-Gvern irrispetta l-prinċipji u r-regoli stipulati f'dan l-Att u biex jispjega kwalunkwe devjazzjoni minnhom;

(ċ) jevalwa jekk il-politika fiskali u baġitarja fis-sena baġitarja sħiħa u r-riżultati tagħha kinux konformi mal-istrateġija fiskali stipulata fl-objettiv ta' terminu medju;

(d) jispjega kull devjazzjoni mill-objettivi ta' terminu

medju tal-Gvern u kif dawn ser jiġu indirizzati;

(e) jispjega r-riżultati tal-baġit fil-kuntest tal-impenji Ewropej tal-Gvern, b'mod partikolari t-termini tal-Patt dwar l-Istabbilità u t-Tkabbir.

(3) Ir-rapport dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit għandu jinkludi d-*data* dwar l-eżekuzzjoni finali għall-indikaturi provduti fl-istrateġija fiskali, u sezzjoni li turi devjazzjonijiet mill-istrateġija fiskali u mill-baġit annwali inizjali, bil-ġustifikazzjoni għal dawn id-devjazzjonijiet.

TAQSIMA V

IL-KUNSILL FISKALI

Il-Kunsill Fiskali

Il-Kunsill Fiskali.

**42.** Għandu jkun hemm organu li jkun magħruf bħala l-Kunsill Fiskali Konsultattiv (f'dan l-Att imsejjaħ il-"Kunsill Fiskali") li jwettaq l-funzjonijiet mogħtija lilu jew imposti fuqu b'dan l-Att.

Membri tal-Kunsill Fiskali għandhom ikunu indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi jew kwalunkwe istituzzjoni jew awtorità oħra.

**43.** (1) Il-membri tal-Kunsill Fiskali għandhom jeżerċitaw il-mandat tagħhom skont dan l-Att u m'għandhomx ifittxu jew jirċievu istruzzjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi jew minn xi istituzzjoni jew awtorità oħra.

(2) Il-kunsill Fiskali għandu jirrevedi u jevalwa l-punt sa fejn l-objettivi tal-politika fiskali u ekonomika proposti mill-Gvern qed jintlaħqu u b'hekk jikkontribwixxu għal aktar trasparenza u ċarezza dwar l-għanijiet u l-effettività tal-politika ekonomika.

Korp morali.

**44.** Il-Kunsill Fiskali għandu jkun korp morali li jista' jħarrek jew jiġi mħarrek.

Kunsill Fiskali għandu jkun indipendenti.

**45.** Il-Kunsill Fiskali għandu jkun indipendenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

Setgħat għat-twettiq tal-funzjonijiet.

**46.** (1) Il-Kunsill Fiskali għandu jkollu dawk is-setgħat kollha li huma neċessarji jew inċidentali għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

(2) Il-Kunsill Fiskali jista' jitlob informazzjoni, dokumenti jew *data* li jistgħu jkunu relevanti għall-qadi tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu minn kull Ministeru, Dipartiment, Awtorità tas-Settur Pubbliku, Entità u Aġenzija u Kunsill Lokali.

(3) Ministeri, Dipartimenti, Awtoritajiet tas-Settur Pubbliku, Entitajiet u Aġenziji u Kunsilli Lokali għandhom jagħmlu disponibbli

kwalunkwe informazzjoni, dokument jew *data* fil-format u livell dettaljat u fil-perjodu ta' ħin kif jista' jiġi stabbilit mill-Kunsill Fiskali:

Iżda jekk din l-informazzjoni, dokumenti jew *data* jew ma tkunx disponibbli jew ma tistax tingħata kif provdut f'dan l-artikolu, l-organizzazzjoni relevanti għandha tinforma bil-miktub il-Kunsill Fiskali dwar dan filwaqt li tagħti r-raġunijiet għal dan.

(4) Jekk xi Ministeru, Dipartiment, Awtorità tas-Settur Pubbliku, Entità u Aġenzija u Kunsill Lokali jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni, dokumenti jew *data* u jonqsu milli jinfurmaw lill-Kunsill Fiskali dwar dan, dan il-Kunsill għandu jinforma lill-Ministru għall-Finanzi dwar dan u jippubblika dan il-fatt.

Sħubija tal-Kunsill Fiskali

**47.** Il-Kunsill Fiskali għandu jkun magħmul minn tliet membri. Għadd ta' membri.

**48.** (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-Kunsill Fiskali għandu jkun maħtur mill-Ministru għall-Finanzi. Kunsill Fiskali jkun maħtur mill-Ministru għall-Finanzi.

(2) Fil-ħatra tal-membri tal-Kunsill Fiskali, il-Ministru għandu:

(a) jagħti każ tax-xewqa li l-membri jkollhom kompetenza u esperjenza f'materji makroekonomiċi domestiċi u internazzjonali u fiskali, u

(b) sa fejn hu prattikabbli, jiżgura bilanċ xieraq bejn l-irġiel u n-nisa fis-sħubija tal-Kunsill Fiskali.

(3) Jekk ikun hemm vakanza fis-sħubija tal-Kunsill Fiskali, il-Ministru għandu, jekk huwa raġonevolament prattikabbli li jagħmel hekk, jaħtar sostitut qabel it-tmiem tal-perjodu ta' sitt xhur li jibdew mill-jum li tinħoloq il-vakanza.

(4) Il-President tal-Kunsill Fiskali għandu jinħatar mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Opożizzjoni.

Terminu tal-Kariga

**49.** (1) Ħlief fejn provdut xort'oħra, it-terminu tal-kariga ta' membru tal-Kunsill Fiskali għandu jkun ta' erba' snin. Terminu tal-kariga.

(2) Persuna ma tistax tkun membru tal-Kunsill Fiskali għal aktar minn żewġ termini ta' kariga konsekuttivi iżda tkun tista'

xort'oħra tiġi maħtura mill-ġdid.

Riżenja jew tneħħija.

**50.** (1) Membru tal-Kunsill Fiskali jista' fi kwalunkwe żmien jirriżenja mill-kariga permezz ta' ittra indirizzata lill-Ministru u r-riżenja għandha tibda sseħħ mid-data speċifikata fl-ittra.

(2) Il-Ministru jista' jneħħi membru tal-Kunsill Fiskali mill-kariga jekk:

(a) il-membru sar mhux kapaċi għal raġunijiet ta' saħħa li jwettaq b'mod effettiv il-funzjonijiet tal-kariga;

(b) il-membru jkun ikkommetta aġir mhux xieraq;

(ċ) il-membru jkollu kunflitt ta' interess ta' tali importanza li, fl-opinjoni tal-Ministru, il-membru għandu jieqaf mill-kariga.

(3) Kull membru tal-Kunsill Fiskali ma jistax jitneħħa mill-kariga sakemm ma jkunx hemm riżoluzzjoni li tipprovdi għat-tneħħija u tiddikjara r-raġunijiet għat-tneħħija tkun approvata mill-Kamra tad-Deputati.

(4) Persuna għandha tkun skwalifikata milli żżomm u għandha tieqaf milli tibqa' fil-kariga bħala membru tal-Kunsill Fiskali jekk:

(a) tiġi dikjarata falluta;

(b) tagħmel kompożizzjoni jew arranġament mal-kredituri;

(ċ) tiġi misjuba ħatja ta' reat wara att ta' akkuża jew misjuba ħatja barra minn Malta ta' reat li jikkonsisti f'atti jew ommissjonijiet li jikkostitwixxu reat li dwaru jistgħu jittieħdu proċeduri kriminali wara att ta' akkuża f'Malta;

(d) tinstab ħatja ta' reat li jinvolvi frodi jew diżonestà; jew

Kap. 386.

(e) ikollha dikjarazzjoni magħmula kontriha skont l-Att dwar il-Kumpanniji jew tkun suġġetta jew tkun meqjusa li hi suġġetta għal ordni ta' skwalifika bis-saħħa ta' dak l-Att.

(5) Fejn il-Ministru jaħtar membru ġdid tal-Kunsill Fiskali minħabba li membru tal-Kunsill Fiskali jkun miet, irriżenja jew tneħħa mill-kariga jew ikun ġie skwalifikat milli jżomm il-kariga, it-terminu tal-kariga tal-membru l-ġdid għandu jkun il-bqija tal-perjodu tal-kariga tal-membru preċedenti.

(6) Mingħajr preġudizzju għal dawk ir-regoli li l-Kunsill Fiskali jista' jagħmel fir-rigward tal-*quorum*, il-Kunsill Fiskali jista' jaġixxi minkejja vakanza waħda jew aktar fis-sħubija tiegħu.

Remunerazzjoni u kundizzjonijiet tal-kariga

**51.** Kull Membru tal-Kunsill Fiskali għandu: Remunerazzjoni u kundizzjonijiet tal-kariga.

(a) jżomm il-kariga skont dawk it-termini (barra l-ħlas tar-remunerazzjoni u gratifikazzjonijiet għall-ispejjeż) li l-Ministru għall-Finanzi jista' jiddetermina; u

(b) jkun imħallas mill-Kunsill Fiskali, mir-riżorsi disponibbli tiegħu, dik ir-remunerazzjoni u dawk il-gratifikazzjonijiet għall-ispejjeż li l-Ministru jista' jiddetermina.

Persunal

**52.** (1) Il-Kunsill Fiskali jista' jaħtar dawk il-persuni, u f'dak l-għadd tagħhom, sabiex ikunu membri tal-persunal tal-Kunsill Fiskali, u skont dawk it-termini, kif jistgħu jkunu determinati mill-Kunsill Fiskali. Persunal.

(2) Membru tal-persunal tal-Kunsill Fiskali għandu jkun imħallas mill-flus disponibbli għall-Kunsill Fiskali.

Sħubija fil-Kamra tad-Deputati jew fil-Parlament Ewropew.

**53.** (1) Is-subartikolu (2) japplika fejn persuna li hi membru tal-Kunsill Fiskali jew membru tal-persunal tal-Kunsill Fiskali fi kwalunkwe ħin (f'dan is-subartikolu msejjaħ il-"ħin materjali"): Sħubija fil-Kamra tad-Deputati jew fil-Parlament Ewropew.

(a) issir kandidat tal-elezzjoni jew għall-Kamra tad-Deputati jew tal-Parlament Ewropew;

(b) tkun eletta jew *co-opted* fil-Kamra tad-Deputati jew eletta fil-Parlament Ewropew.

(2) Il-persuna msemmija fis-subartikolu (1) għandha:

(a) jekk hi membru tal-Kunsill Fiskali, tieqaf milli tkun Membru tal-Kunsill Fiskali, u

(b) jekk hi membru tal-persunal tal-Kunsill Fiskali, tkun issekondata mill-impjieg mill-Kunsill Fiskali, u ma tkunx imħallsa minn, jew ma tkunx intitolata tirċievi mingħand, il-Kunsill Fiskali xi rinumerazzjoni jew gratifikazzjoni għal spejjeż fir-rigward tal-perjodu li jibda mill-ħin materjali u jispiċċa meta l-persuna tieqaf milli tkun membru jew tal-Kamra

tad-Deputati jew tal-Parlament Ewropew;

(ċ) persuna li jew tkun intitolata skont l-ordnijiet permanenti tal-Kamra tad-Deputati biex tkun membru tal-Kamra jew tkun membru tal-Parlament Ewropew, għandha, sakemm tkun hekk intitolata jew tkun hekk membru, tkun skwalifikata milli ssir membru tal-Kunsill Fiskali jew membru tal-persunal tal-Kunsill Fiskali.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2)(b), dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinqraw bħala li jipprojbixxu fost affarijiet oħra, li l-perjodu msemmi fl-imsemmija dispożizzjonijiet jiġi stmat bħala servizz tal-Kunsill Fiskali għall-finijiet ta' xi benefiċċju ta' superanwazzjoni.

Projbizzjoni ta' Kxif ta' Informazzjoni Kunfidenzjali

Informazzjoni kunfidenzjali.

**54.** (1) Persuna ma għandhiex, mingħajr il-kunsens relevanti jew kif meħtieġ bil-liġi, tikxef informazzjoni kunfidenzjali miksuba minn dik il-persuna fi kwalunkwe kapaċità jew waqt it-twettiq tal-funzjonijiet, bħala:

(a) membru tal-Kunsill Fiskali, jew

(b) membru tal-persunal tal-Kunsill Fiskali.

(2) Persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa li ma tkunx aktar minn elf euro (€1,000).

(3) Xejn fis-subartikolu (1) ma għandu jipprevjeni l-kxif ta' informazzjoni lill-Kunsill Fiskali jew minn jew f'isem tal-Kunsill Fiskali lill-Ministru.

(4) F'dan l-artikolu:

"informazzjoni kunfidenzjali" tfisser informazzjoni li hija espressa mill-Kunsill Fiskali jew, fil-każ ta' informazzjoni mogħtija lill-Kunsill Fiskali mill-Ministru, hija kunfidenzjali jew fir-rigward ta' informazzjoni partikolari jew fir-rigward ta' informazzjoni ta' klassi partikolari jew deskrizzjoni;

"kunsens relevanti" tfisser -

(a) fil-każ ta' informazzjoni espressa bħala kunfidenzjali mill-Kunsill Fiskali, il-kunsens bil-miktub tal-Kunsill Fiskali, u

(b) fil-każ ta' informazzjoni espressa bħala kunfidenzjali mill-Ministru, il-kunsens bil-miktub tal-Ministru.

Finanzjament

**55.** (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-infiq tal-Kunsill Fiskali fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu għandu jiġi addebitat lil u jiġi mħallas mill-Fond Konsolidat jew il-prodott tat-tkabbir tiegħu. Finanzjament.

(2) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), mhux aktar mis-somma speċifikata fis-subartikolu (4) għandha tiġi hekk addebitata u mħallsa fi kwalunkwe sena.

(3) Jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 53(1) jidħlu fis-seħħ f'data li ma tkunx il-bidu tas-sena, l-ammont li għandu jiġi hekk addebitat u mħallas għal dik is-sena jitnaqqas *pro rata*.

(4) Is-somma msemmija fis-subartikolu (2) għandha -

(a) għas-sena li fiha artikolu 53(1) jidħol fis-seħħ, tkun ta' mitejn u ħamsin elf euro (€250,000), u

(b) għal kull sena sussegwenti, tkun is-somma li (jew bis-saħħa ta' dan il-paragrafu jew tal-paragrafu (a)) tapplika għas-sena preċedenti kif aġġustata mill-Indiċi tal-Inflazzjoni kif stabbilita u ppublikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

Kontabilità u Verifika

**56.** (1) Il-Kunsill Fiskali għandu jżomm, f'dik il-forma kif tkun approvata mill-Ministru għall-Finanzi, kontijiet xierqa u tas-soltu tal-irċevuti u l-infiq mill-Kunsill Fiskali u għandu jżomm kontijiet speċjali li l-Ministru għall-Finanzi jista' minn żmien għal żmien jordna. Kontabilità u verifika.

(2) Kontijiet miżmuma skont dan l-artikolu, verifikati b'mod xieraq, u ffirmati mill-President tal-Kunsill Fiskali, għandhom ikunu sottomessi mill-aktar fis (iżda mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' kontabilità li miegħu għandhom x'jaqsmu) lill-Ministru għall-Finanzi.

(3) Il-Ministru għall-Finanzi għandu jqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati kopja tal-kontijiet ivverifikati tal-Kunsill Fiskali sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' April ta' kull sena.

Dehriet quddiem il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi

Dehriet quddiem il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi.

**57.** (1) Il-President tal-Kunsill Fiskali għandu, kull meta mitlub bil-miktub mill-President tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi tal-Kamra tad-Deputati, ikun meħtieġ jagħti xhieda quddiem il-Kumitat dwar:

(a) ir-regolarità ta', u jekk ikunux xierqa, it-transazzjonijiet reġistrati jew meħtieġa li jkunu reġistrati f'xi kont skont l-artikolu 56,

(b) l-ekonomija u l-effiċjenza tal-Kunsill Fiskali fl-użu tar-riżorsi tiegħu, u,

(ċ) is-sistemi, il-proċeduri u l-prattiċi użati mill-Kunsill Fiskali għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effettività tal-operazzjonijiet tiegħu, u

(d) kwalunkwe materja oħra li taffettwa l-Kunsill Fiskali u l-operazzjonijiet tiegħu.

(2) Il-President tal-Kunsill Fiskali għandu, kull meta mitlub jagħmel dan, jagħti rendikont tal-qadi tal-funzjonijiet tal-Kunsill Fiskali lill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi tal-Kamra tad-Deputati.

Rapport Annwali

Rapport annwali.

**58.** (1) Il-Kunsill Fiskali għandu mill-aktar fis wara t-tmiem ta' kull sena jipprepara rapport tal-attivitajiet tiegħu matul is-sena li magħha għandu x'jaqsam ir-rapport.

(2) Il-Kunsill Fiskali għandu jipprovdi kopja ta' kull rapport ippreparat skont is-subartikolu (1) lill-Ministru għall-Finanzi li għandu jqiegħed kopja fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati mill-aktar fis wara li huwa jkun hekk ingħata l-kopja.

Siġill tal-Kunsill Fiskali

Siġill tal-Kunsill Fiskali.

**59.** (1) Is-siġill tal-Kunsill Fiskali għandu jkun awtentikat:

(a) bil-firma tal-President jew membru ieħor tal-Kunsill Fiskali awtorizzat mill-Kunsill Fiskali sabiex jaġixxi f'ismu; u

(b) bil-firma ta' membru tal-persunal tal-Kunsill Fiskali awtorizzat mill-Kunsill Fiskali sabiex jaġixxi f'ismu.

(2) Għandu jingħata għarfien ġudizzjarju lis-siġill tal-Kunsill Fiskali u, għalhekk, kull strument:

(a) li jidher li huwa strument magħmul mill-Kunsill Fiskali, u

(b) li jidher li huwa ssiġillat biss siġill tal-Kunsill Fiskali u awtentikat skont is-subartikolu (1),

għandu jkun ta' xhieda u meqjus bħala strument mingħajr ebda prova oħra, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

(3) Kull kuntratt jew strument li, jekk iffirmat jew eżegwit minn xi individwu, ma jkunx jeħtieġ siġill, jista' jiġi ffirmat jew esegwit f'isem il-Kunsill Fiskali minn kwalunkwe persuna li jkollha awtorizzazzjoni ġenerali jew speċjali li taġixxi f'isem il-Kunsill Fiskali.

Sit

**60.** Il-Kunsill Fiskali jista', sabiex jipprovdi s-sit neċessarju għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, jikri, jarma u jżomm uffiċċji u siti bla ħsara għall-kunsens tal-Ministru. Sit.

Proċedura u *quorum*

**61.** Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Kunsill Fiskali jista' jirregola l-proċeduri tiegħu, inkluż il-*quorum* neċessarju sabiex issir laqgħa tal-Kunsill. Proċedura u *quorum*.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 183 tat-22 ta' Lulju, 2014.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*